II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**ta' l-4 ta' Diċembru 2007**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissau għall-perjodu mis-16 ta' Ġunju 2007 sal-15 ta' Ġunju 2011**

(2007/854/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 300(2),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Komunità nnegozjat mar-Repubblika tal-Ginea-Bissau Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd li jipprovdi lil bastimenti Komunitarji opportunitajiet ta' sajd fl-ilmijiet li l-Ginea-Bissau għandha sovranità jew ġurisdizzjoni fuqhom f'dak li għandu x'jaqsam mas-sajd.

(2) B'riżultat ta' dawk in-negozjati ġie inizjalat Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fid-23 ta' Mejju 2007.

(3) Il-Ftehim dwar is-Sajd eżistenti bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Gvern tar-Repubblika tal-Ginea Bissau, huwa mħassar mill-Ftehim il-ġdid dwar is-Sħubija fis-Sajd.

(4) Sabiex jiġi ggarantit l-issuktar ta' l-attivitajiet tas-sajd min-naħa ta' bastimenti tal-Komunità, huwa essenzjali li l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd il-ġdid jiġi applikat mill-aktar fis possibbli. Għaldaqstant, iż-żewġ partijiet inizjalaw Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri li jipprovdi għall-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll inizjalat, mehmuż mal-Ftehim il-ġdid ta' sħubija dwar is-Sajd mis-16 ta' Ġunju 2007.

(5) Huwa fl-interess tal-Komunità li tapprova l-Ftehim il-ġdid fil-forma ta' Skambju ta' Ittri.

(6) Jeħtieġ li jiġi definit il-metodu għat-tqassim ta' l-opportunitajiet ta' sajd bejn l-Istati Membri,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissau għall-perjodu mis-16 ta' Ġunju 2007 sal-15 ta' Ġunju 2011, huwa appruvat f'isem il-Komunità, b'riżerva għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tiegħu.

It-testi tal-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd, tal-Protokoll tiegħu u ta' l-Annessi tiegħu huma mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. L-opportunitajiet ta’ sajd stabbiliti bil-Protokoll għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) is-sajd għall-gambli:

| | | |
|---|---|---|
| Spanja | 1 421 | GRT |
| L-Italja | 1 776 | GRT |
| Il-Greċja | 137 | GRT |
| Il-Portugall | 1 066 | GRT |

(b) is-sajd għall-ħut u ċ-ċefalopodi:

| | | |
|---|---|---|
| Spanja | 3 143 | GRT |
| L-Italja | 786 | GRT |
| Il-Greċja | 471 | GRT |

ċ) bastimenti bit-tartarun u bastimenti bil-konz tal-wiċċ li jistadu għat-tonn:

| | | |
|---|---|---|
| Spanja | 10 | bastimenti |
| Franza | 9 | bastimenti |
| Il-Portugall | 4 | bastimenti |

(d) bastimenti bil-qasab u x-xlief:

| | | |
|---|---|---|
| Spanja | 10 | bastimenti |
| Franza | 4 | bastimenti |

2. Jekk l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta’ l-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 ma jeżawrixxux l-opportunitajiet tas-sajd iffissati mill-protokoll, il-Kummissjoni tista’ tqis applikazzjonijiet għal liċenzja mingħand kwalunkwe Stat Membru.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu skond il-Ftehim imsemmi fl-Artikolu 1 għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-kwantitajiet ta’ kull stokk maqbuda fiż-żona tas-sajd tal-Ginea-Bissau f’konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 500/2001 ta’ l-14 ta’ Marzu 2001 li tniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 dwar is-sorveljanza tal-qbid meħuda mid-dgħajjes tas-sajd tal-Komunità f’ibħra ta’ pajjiżi terzi u fl-ilmijiet miftuħa [bejn sema u ilma] ([1]).

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat jinnomina l-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri sabiex b’hekk jorbtu l-Komunità.

Magħmul fi Brussell, 4 ta’ Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. TEIXEIRA DOS SANTOS

([1]) ĠU L 73, 15.3.2001, p. 8.